**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dottor Paul Coppini LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Gabriel Zammit**

Numru: 1/2016

Illum 19 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Gabriel Zammit**, li ghandu numru tal-karta tal-identita' 33193(G), ta' 22 sena, iben Raymond u Susanne nee' Hili, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-18 ta' Settembru 1993 u residenti 'Madonnina', Triq Forn il-Gir, Rabat, Ghawdex, akkuzah talli nhar 19 ta' Jannar 2016 ghall-habta ta' 11.35 ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer;

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded lill-Ufficjali Pubblici li jahdmu fil-Qrati ta' Ghawdex, liema theddida kienet tikkonsisti li kien tpogga materjal splussiv (bomba) fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja (Ghawdex) fir-Rabat, Ghawdex, b'thedida li kienet se tittiehed il-hajja jew il-liberta' tal-persuni u/jew li se tigi perikolata l-hajja tal-persuni li kien hemm f'dak il-hin, kif ukoll li se tigi kagunata distruzzjoni estensiva fil-istess bini;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lill-Ufficjali Pubblici li jahdmu fil-Qorti t'Ghawdex u lil haddiehor, jibzghu li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra l-proprjeta' taghhom meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lill-istess persuni hekk jibzghu;

4. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel reat bil-hsieb li jgieghel lil x'ufficcjal pubbliku milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew xorta ohra naqas milli josserva dawk l- istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew, mill-imsemmi apparat u dan bi ksur tal-artiklu 48 (1)(D) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Pulizija u cioe' stqarrija rilaxxata mill-imputat esebita bhala dokument 'BCS 1', okkorrenza tal-Pulizija esebita bhala dokument 'BCS 2', fedina penali tal-imputat esebita bhala dokument 'BCS 3', ircevuta rigward il-*mobile phone* tal-imputat esebita bhala dokument 'BCS 4' u informazzjoni moghtija mill-kumpanija GO esebita bhala dokument 'BCS 5'.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti u dana wara li l-Qorti wissietu sabiex jerga' jikkunsidra din l-ammissjoni.

Il-Qorti ghalhekk u in vista ta' din l-ammissjoni wara li rat l-Artikoli 249, 110 subinciz 2, 251(b) tal-Kapitolu 9, wara li rat ukoll l-Artikolu

49(a) u l-Artikolu 48 subinciz 1(d) tal-Kapitolu 399, tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn mil-lum.

Timmultah ukoll is-somma ta' elf ewro (€1000) pagabbli f'rati mensili ta' mitt ewro (€100) pagabbli b'effett mill-ewwel (1) ta' Frar 2016.

Tipprovdi ukoll billi tordna l-konfiska tal-telefon cellulari esebit fl-atti ta' din il-kawza.

**Dr. Paul Coppini**
**Magistrat**